# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI
## ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 3 ta' Ottubru, 2024**

**Numru 8**

**Rikors numru 90/21/2 BS**

**Emanuel Mizzi**

**v.**

**Nicholas Galea**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-attur Emanuel Mizzi minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri) (Sezzjoni Ġenerali), nhar is-27 ta' Ottubru, 2023, li biha ċaħdet it-talbiet kollha tal-attur u ma sabitx li ġie mwettaq spoll fil-konfront tiegħu, u b'hekk ġie kkundannat iħallas l-ispejjeż.

## Daħla

2. B'rikors maħluf tat-13 ta' Ottubru, 2021, l-attur fisser li hu sid ta' diversi qtajja' ta' rabà fl-inħawi magħrufa bħala "Tal-Gallina", fuq l-għolja tal-Fanal Ta' Ġordan fil-limiti tal-Għasri. Jgħid li fl-14 ta' Awwissu, 2021, il-konvenut daħal f'parti mir-raba' tiegħu b'makkinarju u b'għodda kbira tal-kostruzzjoni bil-għan li jiftaħ jew iwessa' passaġġi u jwaqqagħlu ħitan tas-sejjieħ. Jgħid li l-konvenut ġarr ukoll ġebel tas-sejjieħ minn fuq art tal-attur u neħħa u witta ħamrija agrikola mill-istess art mingħajr il-kunsens tiegħu, u li l-konvenut ħa din il-ħamrija u ġebel band'oħra. L-attur jisħaq li dan huwa xogħol li sar b'mod klandestin u minn wara dahru u li jikkostitwixxi spoll vjolenti u klandestin. Jgħid li fl-14 ta' Awwissu, 2021 sab lill-konvenut u l-makkinarju tal-kumpanija Said Construction Limited fir-raba' tiegħu.

3. Billi l-konvenut ma riedx jaf li jqiegħed kollox lura għal kif kien qabel u dan għaliex jgħid li ma wettaq l-ebda spoll, l-attur fetaħ din il-kawża u talab lill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri) (Sezzjoni Ġenerali):

> *«i. Tiddeċiedi u tiddikjara li l-konvenut ikkommetta spoll vjolenti u klandestin fil-konfront tal-attur meta waqqa l-ħitan tas-sejjieħ u ġarr il-ġebel tas-sejjieħ minn fuq l-art tal-attur stess u neħħa ammont ta' ħamrija minn fuq l-art tal-istess;*
>
> *ii. Tikkundanna u tordna lill-konvenut sabiex jirreintegraw lill-atturi fil-*

*pussess tagħhom tal-ġebel tas-sejjieħ u tal-ħamrija li ttieħdet minn fuq l-art tal-atturi jerġgħu jinbnew il-ħitan li twaqqgħu kif kienu jinsabu fih qabel il-kommissjoni tal-ispoll, u dan f'terminu qasir u perentorju li jiġi lilhom prefiss, okkorrendo taħt is-sorveljanza ta' periti nominandi;*

*iii. Tawtorizza lill-attur sabiex, f'każ li l-konvenuti jonqsu milli jirreintegraw lill-atturi fil-pussess tagħhom tal-affarijiet imsemmija fil-paragrafu preċedenti fl-istat li kienu jinsabu fih qabel il-kommissjoni tal-ispoll fit-terminu mogħti lilhom għal dan il-għan, iwettqu huma stess, taħt is-sorveljanza okkorrendo ta' periti nominandi u bl-ispejjeż a karigu tal-konvenuti, ix-xogħlijiet kollha neċessarji għar-rispristinazzjoni u r-reintegrazzjoni ordnata;*

*Bl-ispejjeż kontra l-konvenut, li minn issa huwa inġunt in subizzjoni.»*

4. Bi tweġiba mressqa fil-31 ta' Diċembru, 2021, il-konvenut wieġeb għal din il-kawża billi qajjem dawn l-eċċezzjonijiet:

*«1. Illi t-talbiet tal-attur għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tiegħu stante li huma infondati fil-fatt u fid-dritt. Dan peress li mhux minnu li l-eċċipjenti wettaq spoll jew għamel minn dawk l-atti li qed jaddebitah bihom l-attur. Għall-kuntrarju huwa l-attur li kkommetta spoll fil-konfront tal-esponenti meta għalaq mogħdija karrozzabbli bil-ġebel u b'materjal ieħor, u dwar dan hemm kawża oħra ta' spoll fl-ismijiet inversi li saret mill-esponenti fil-konfront tal-attur odjern li ġġib in-numru ta' riferenza 78/2021/BS. Wisq probabbli li din il-kawża ġiet istitwita mill-attur wara li ġie notifikat bil-kawża ta' spoll li saret mill-esponenti fil-konfront tiegħu biex jipprova jinnewtralizza billi jilqa' għall-għemil spoljattiv imwettaq minnu stess.*

*2. Illi interament mingħajr preġudizzju għall-ewwel eċċezzjoni, ma jissussistux l-elementi kostitutivi tal-ispoll.*

*3. Salvi tweġibiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.»*

5. B'sentenza mogħtija fis-27 ta' Ottubru, 2023, il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri) (Sezzjoni Ġenerali), iddeċidiet il-kawża hekk:

*«Għaldaqstant, in vista tal-premess u għar-raġunijiet kollha hawn fuq espressi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi filwaqt illi tiddisponi mill-eċċezzjonijiet tal-konvenut konformement ma' dak*

*hawn deċiż, tiċħad it-talbiet atturi.*

*Bl-ispejjeż ta' din il-kawża a karigu tal-attur.»*

6. Ir-raġunijiet ewlenin li wasslu lill-Ewwel Qorti għal din id-deċiżjoni kienu dawn li ġejjin:

*«L-attur fetaħ din il-kawża ta' spoll u jgħid li l-konvenut fl-14 ta' Awwissu, 2021 daħal f'parti mir-raba' tiegħu u waqqa' ħitan tas-sejjieħ kif ukoll ġarr ġebel tas-sejjieħ minn fuq l-art tal-attur. Jgħid ukoll li l-konvenut witta u neħħa ħamrija agrikola tiegħu mingħajr il-premess tiegħu. Jgħid ukoll li dan l-aġir jammonta għal spoll vjolenti u klandestin da parti tal-konvenut. Jitlob għalhekk li l-konvenut jiġi ordnat jispurga l-ispoll fi żmien mogħti mill-Qorti u fin-nuqqas ix-xogħlijiet meħtieġa jsiru mill-attur bi spejjeż tal-konvenut.*

*Il-konvenut jilqa' għat-talbiet tal-attur billi jiċħad illi huwa kkommetta l-azzjonijiet msemmija mill-attur. Jgħid li l-kawża odjerna nfetħet mill-attur b'ritaljazzjoni għal azzjoni ta' spoll istiwita minnu kontra l-attur odjern. Jinsisti li l-unika spoll kommess, seħħ mill-attur meta dan għalaq il-passaġġ karrozzabbli kif imsemmi fil-kawża miftuħa minnu kontra l-attur. Għal dawn ir-raġunijiet il-konvenut jitlob li t-talbiet tal-attur jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontrih.*

*Ikkunsidrat Ulterjorment:*

*L-actio spolii, bħal ma' hija din l-azzjoni tal-lum kif ittentata mill-attur, hija regolata mill-Artikolu 535 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16, Liġijiet ta' Malta, li jaqra:*

> *«535. (1) Jekk persuna tiġi, bil-vjolenza jew bil-moħbi, mneżżgħa mill-pussess, ta' liema xorta jkun, jew mid-detenzjoni ta' ħaġa mobbli jew immobbli, hija tista', fi żmien xahrejn mill-ispoll, titlob, b'azzjoni kontra l-awtur tal-ispoll, li terġa' tiġi mqiegħda f'dak il-pussess jew f'dik id-detenzjoni, kif jingħad fl-artikolu 791 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.*
>
> *(2) Dan it-tqegħid mill-ġdid fil-pussess jiġi ordnat mill-qorti, wkoll jekk il-konvenut ikun is-sid tal-ħaġa li tagħha l-attur ikun bata l-ispoll.»*

*Minn dan l-artikolu jirriżultaw l-elementi essenzjali sabiex attur jirnexxi f'azzjoni ta' spoll.*

*Dawn l-elementi huma tlieta:*

*i. li huwa kien jipposjedi l-oġġett in mertu b'pussess ta' kwalunkwe xorta jew b'detenzjoni - possedisse;*

*ii. li huwa ġie spoljat minn dak il-pussess jew detenzjoni - spoliatum fuisse, u;*

*iii. li huwa ntavola l-kawża ta' spoll fi żmien xahrejn mill-jum li fih sar l-att spoljattiv allegat minnhu - infra bimester deduxisse.*

*Rigward l-ewwel element, il-possedisse, huwa paċifiku li l-espressjoni "pussess ta' liema xorta jkun" tikkomprendi kwalunkwe tip ta' "pussess" inkluż dak ċivili kemm dak sempliċement naturali u anke dak vizzjuz.*

*...*

*Fil-kawża de quo, jirriżulta li kemm il-partijiet kontendenti kif ukoll terzi seta' kellhom pussess ta' porzjon art utilizzata bħala parti minn passaġġ itwal u integrata fl-istess.*

*B'dan li l-attur jittenta jgħid li għalkemm fuq l-istess porzjon art seta' kien hemm passaġġ, dan kien dejjaq u jinsab fuq ir-raba' tiegħu mentri l-konvenut jittenta jgħid li l-istess kienet tifforma parti integra minn passaġġ ta' wisa' biżżejjed sabiex jgħaddu vetturi komodament u li huwa sa minn dejjem utilizza sabiex wasal fir-raba' tiegħu.*

*Sabiex jipprova t-tezi tiegħu li din il-porzjon tal-passaġġ in mertu dejjem kienet f'idejh, l-attur u ibnu Samuel Mizzi jixhdu li din l-istess kienet magħluqa b'ħajt li kien iħalli biss passaġġ bir-riġgel u, permezz tax-xhieda tal-perit ex parte tagħhom, il-Perit Cornelia Tabone, jallegaw li l-istess ħajt kien wieħed ta' diviżjoni bejn ħbula ta' raba' fuq livelli differenti u li, allura, warajh kien hemm ħamrija li tagħha kien qiegħed iservi bħala ħajt ta' retenzjoni.*

*L-attur iressaq ukoll ix-xhieda ta' George Mercieca, bidwi li wkoll għandu raba' fil-viċin tal-porzjon art jew passaġġ in mertu. Mercieca jixhed li għar-raba' tagħhom hu u familtu kellhom aċċess minn passaġġ indipendenti minn dak in mertu li kien dejjaq u mhux komdu. Iżid li fuq l-art tal-attur qatt ma kien hemm passaġġ jew mgħodija b'dan li kull meta hu, familtu, u oħrajn ġew bżonn jaċċedu fil-qtajja' ta' raba' tagħhom b'inġenji kbar kienu jgħaddu minn fuq l-art tal-attur biss bil-barka u l-permess tal-istess attur. Iżid li tant dan huwa minnu li bħala rikonoxximent, darba fis-sena kienu jagħtu xi demel lill-attur.*

*Min-naħa tiegħu, il-konvenut jinsisti li huwa dejjem u biss mill-passaġġ in mertu għadda sabiex wasal għar-raba' tiegħu. Jinsisti wkoll li dan il-passaġġ li jwassal mit-triq għal diversi qtajja' ta' raba', inkluż tiegħu, kien ta' wisa' biżżejjed sabiex minnu jgħaddu varji vetturi. Jinsisti wkoll li tali passaġġ qatt ma' kien b'xi mod imbarrat u ġie biss imbarrat f'Awwissu, 2021, meta huwa beda xogħol ta' kostruzzjoni ta' kamra għall-ħażna ta' għodda agrikola fil-porzjon raba' tiegħu.*

*Sabiex jipprova din it-teżi tiegħu l-konvenut iressaq diversi provi apparti*

*x-xhieda tiegħu stess.*

*Fost tali provi jressaq ix-xhieda ta' William Zammit, ukoll bidwi li għandu qtajja' ta' raba' fil-viċinanzi tal-passaġġ in mertu u tar-raba' tal-partijiet kontendenti.*

*Zammit jixhed mingħajr tlaqliq li l-passaġġ tiegħu dejjem kien minn fuq ir-raba' tal-attur. Iżid iżda li fl-aħħar snin kien qiegħed isib l-istess passaġġ tiegħu mbarrat bil-ġebel u kien allura qiegħed juża passaġġ taħt l-istess raba' tal-attur; l-istess passaġġ li l-konvenut jinsisti li dejjem uża huwa.*

*Zammit jixhed fil-fatt li fl-aħħar snin kien qed isib ir-raba' tal-attur, minn fejn kellu jaċċedi għar-raba' tiegħu hu, mblukkat bil-ġebel b'dan li beda juża l-passaġġ ta' taħt sakemm, f'Awwissu 2021 sab li anke dan il-passaġġ ġie mblukkat bil-ġebel.*

*Zammit jixhed ukoll li kull meta huwa għadda b'inġenji kbar dejjem minn dan il-passaġġ għadda.*

*Il-konvenut iressaq ukoll lill Josef Said, kuntrattur ma' Said Construction Limited li, f'Awwissu, 2021 kienu ingaġġati mill-konvenut sabiex jibnulu l-kamra fir-raba' tiegħu.*

*Said jikkonferma li huwa mar fuq il-post darba mal-konvenut sabiex jara x'kellu jsir u minn fejn kienu ser jaċċedu l-ħaddiema tiegħu bl-inġenji. Iżid li flimkien, bil-vettura tal-għamla Jeep tal-konvenut, hu u l-konvenut għaddew minn dan il-passaġġ mingħajr problemi.*

*Said jindika fil-fatt dik l-parti tal-passaġġ li l-attur jgħid li kienet magħluqa b'ħajt bħala parti minn dan il-passaġġ li huwa għadda minnu flimkien mal-konvenut dakinhar li mar fuq is-sit jara x'kien hemm bżonn isir u minn fejn kienu ser jaċċedu bl-inġenji. Dan jagħmlu fuq ritratt mill-ajru esibit a fol 123 tal-proċess tal-kawża numru 78/2021 BS,66 kawża wkoll ta' spoll bejn l-istess partijiet odjerni iżda fl-ismijiet inversi.*

*Said ikompli li meta mbagħad ġew sabiex jaċċedu bl-inġenji tagħhom il-ħaddiema tal-istess Said Construction Limited dawn setgħu komodament u mingħajr ma jmissu ebda ħitan tas-sejjieħ jew oġġetti oħra wkoll jaċċedu mill-istess passaġġ.*

*Iż-żewġ partijiet kontendenti lkoll iressqu perit ex parte kull wieħed sabiex jagħtu x-xhieda tagħhom.*

*Il-perit ex parte tal-konvenut, il-Perit Shanw Micallef, iressaq diversi ritratti mill-ajru u ritratti meħuda minnu aktar reċenti kif ukoll ritratt mill-ajru li fuqu jindika minn fejn u f'liema direzzjoni ttieħdu r-ritratti aktar reċenti.*

*Dawn ir-ritratti, eżaminati flimkien mar-ritratti esibiti mix-xhud William*

*Zammit, juru ċar u a sodisfazzjon ta' din il-Qorti li l-passaġġ li l-attur jikkontendi li kien idjaq u twessa' mill-konvenut waqt ix-xogħol intrapriż minnu fil-fatt dejjem kien kif jingħad mill-konvenut.*

*Il-Qorti tosserva wkoll li bl-indikazzjonijiet mogħtija mil-Perit Micallef dwar minn fejn u f'liema direzzjoni ttieħdu r-ritratti esibiti minnu jirriżulta ċar li kuntrarjament għal dak allegat mill-attur, il-ħajt li nbena f'dan il-passaġġ ma kienx ta' diviżjoni u retenzjoni ta' ħamrija bejn għelieqi fuq livelli differenti kif jallega l-attur iżda nbena fil-passaġġ sabiex jimbarra l-istess, tant li kien suġġett tal-kawża ta' spoll numru 78/2021 BS.*

*Minn imkien ma jirriżulta aktar ċar dan il-fattur jekk mhux mir-ritratt esibit mal-affidavit tal-attur stess a fol 53 tal-proċess odjern.*

*Dan ir-ritratt juri li, kif jisħaq il-konvenut, l-ewwel nxteħet borġ ġebel f'nofs il-passaġġ u mbagħad l-istess ġebel nbena f'ħajt.*

*Ir-ritratt a fol 53 tal-proċess odjern fil-fatt juri żewġ boroġ ġebel li jidher ċar li huma ġodda f'passaġġ li juri marki ċari li kien ilu żmien karrozzabbli.*

*Eżami akkurat tal-istess ritratt juri li fuq kull ġenb tal-passaġġ hemm ħitan tas-sejjieħ antiki li jsegwu il-wisa' u liwja tal-passaġġ.*

*Huwa għalhekk ċar u inkonfutabbli għal din il-Qorti li kuntrarjament ghal dak allegat mill-attur, il-konvenut ma kisser ebda hajt ta' retenzjoni bejn għelieqi iżda ntefa' borġ ġebel ġo passaġġ karrozzabbli.*

*Fuq il-kwistjoni ta' jekk il-passaġġ kienx karrozzabbli, l-attur u x-xhieda tiegħu jinsistu li jekk minn hemm għaddew vetturi dan kien biss bil-permess tal-attur.*

*Ix-xhud George Mercieca jgħid fil-fatt li l-marki li jindikaw il-passaġġ tal-vetturi fir-ritratti mill-ajru, u li tista' tapprezza din il-Qorti, kienu fil-fatt marki li ħallew il-vetturi tiegħu u ta' familtu meta għaddew minn fuq l-art tal-attur bil-permess tal-attur.*

*Iben l-attur, Samuel Mizzi, da parti tiegħu, jinsisti li lill-konvenut qatt ma rah għaddej b'xi vetturi jew inġenji minn fuq il-porzjon art in mertu.*

*Din il-Qorti mhijiex konvinta minn dan. Dan partikolarment għaliex l-attur stess jixhed li huwa dejjem ħalla diversi bdiewa jgħaddu minn fuq l-art tiegħu. Similarment, ix-xhud George Mercieca stess jgħid li huwa twaqqaf biss jgħaddi minn fejn kien għadda għal diversi drabi fis-sajf tas-sena 2021 meta l-attur qallu li peress li kien hemm minn abbuża mis-sitwazzjoni ma' kienx ser iħalli lill ħadd aktar jgħaddi minn hemm.*

*Mill-assjem tat-testimonjanza tal-Perit Shawn Micallef u tax-xhieda ulterjuri, kif ukoll mill-eżami tagħha tar-ritratti mill-ajru esibiti mill-istess Perit Shawn Micallef, din il-Qorti hija moralment konvinta li passaġġ*

*kien hemm u kien fil-wisa' li jikkontendi l-konvenut.*

*Din il-Qorti tikkonkludi wkoll, u dan partikolarment mir-ritratti mill-ajru esibiti mill-imsemmi Perit Micallef iżda wkoll mir-ritratt a fol 53 tal-proċess odjern diġà msemmi qabel; li tali passaġġ kien karrozzabbli u qatt ma kien imbarrat.*

*F'dan id-dawl, din il-Qorti tosserva li l-attur ukoll ressaq perit ex parte tiegħu sabiex tagħti x-xhieda studjata tagħha. Din kienet il-Perit Cornelia Tabone li għamlet rapport ukoll munit b'ritratti meħuda mill-ajru u xehdet li jidher li fil-passaġġ in mertu seta' f'xi żmien kien hemm ħajt ta' retenzjoni bejn żewġ għelieqi fuq żewġ livelli differenti.*

*Għal dan l-għan il-Perit Tabone tirreferi għar-ritratti mill-ajru meħuda f'ċerti snin li din il-Qorti wkoll eżaminat.*

*Dawn ir-ritratti ġew esibiti mill-istress Perit Tabone ma' rapport addizzjonali tagħha u jinsabu a fol 119 sa 123 tal-proċess odjern.*

*Il-Perit Tabone tiffoka fuq ir-ritratti mill-ajru tas-snin 1998 u 2004 – a fol 122 u 123 tal-proċess odjern – u tinsisti li dawn juru li fil-passaġġ in mertu kien hemm fil-fatt ħajt li jrendi l-istess passaġġ idjaq mill-wisa' li jinsisti fuqha l-konvenut.*

*Kif diġà osservat l-istess Perit Tabone tgħid li dan il-ħajt kien ta' retensjoni bejn għelieqi fuq livelli differenti. Iżid iżda li hija ma qisietx x'setgħet kienet l-estensjoni tiegħu għall-ġewwa l-passaġġ in mertu.*

*Din il-Qorti ħarset bir-reqqa lejn dawn iż-żewġ ritratti u ma tarax kif jista' jingħad li l-ħajt immarkat ċirkondat fuqhom jista' jintqal li kien qiegħed jagħlaq jew idejjaq dak li l-konvenut iqis bħala l-passaġġ tiegħu.*

*Dan tant li fuq il-lemin tal-istess ċirku magħmul mill-Perit Tabone sabiex tindika fejn jinsab il-ħajt li titkellem fuqu jidher ċar, u dan fuq iż-żewġ ritratti mill-ajru, kemm tal-1998 kif ukoll tal-2004, li passaġġ kien hemm u kien ininterrott u anke karrozzabbli.*

*Tenut kont tad-dikjarzzjoni tal-Perit Tabone li l-ħajt minnha ċirkondat fir-ritratti mill-ajru esibiti minnha seta' kien jestendi għal ġewwa l-passaġġ – iżda hija ma tistax tgħid għal-liema tul seta' kien hekk jestendi; din il-Qorti tmur lura għax-xhieda tax-xhud William Zammit li jinsisti li tali passaġġ qatt ma jafu idjaq milli hu u li jaf li djieq jew ingħalaq biss f'Awwissu, 2021.*

*Ir-ritratti li dan ix-xhud jagħraf bħala dawk li juru kif sab il-passaġġ midjuq f'ħajt f'Awwissu, 2021 jinsabu a fol 25 u 26 tal-proċess odjern. Dawn ma jurux li tali ħajt li l-attur jammetti li bena hu flimkien ma' ibnu kien inbena b'ripristinazzjoni ta' ħajt ta' diviżjoni bejn għelieqi li allegatament tkisser mill-konvenut u in kontinwazzjoni mal-istess.*

*Huwa għalhekk ċar, fiċ-ċirkostanzi, li għalkemm jista' jagħti l-każ li l-pussess fuq il-passaġġ in mertu ma kienx unikament tal-konvenut, kien ċertament ukoll tal-konvenut.*

*Dan stante li ġie ppruvat a sodisfazjzon ta' din il-Qorti li l-konvenut u terzi kienu lkoll jagħmlu użu minnu, minkejja d-diżgwid dwar kemm kien wiesgħa u jekk setax twessa'.*

*L-anqas jiswa xejn li x-xhud Mercieca mressaq mill-attur jinsisti li jekk hu u familtu għaddew mill-istess dan kien biss bil-permess u barka tal-attur – u allura fuq tolleranza tiegħu. U dan kemm għaliex l-arrangament tal-attur ma' Mercieca m'għandu ebda effett jew limitazjzoni fuq d-drittijiet tal-konvenut, u kemm għaliex dak li japplika għal Mercieca mhux neċessarjament japplika għall-konvenut. B'dan li, jekk Mercieca kellu passaġġ ieħor mnejn seta' jgħaddi li iżda kien dejjaq u mhux komdu u talab permess lill-attur sabiex jgħaddi minn fuq tal-attur, b'dan ingħata; dan ma jfissirx li l-istess kien il-każ ghall-konvenut.*

*Infatti, l-attur u ibnu t-tnejn jixhdu li l-konvenut kellu passaġġ ieħor mnejn jgħaddi b'dan iżda li ma' jressqux provi dwar dan. Min-naħa tieħu, il-konvenut jinsisti li huwa dejjem u biss mill-passaġġ in mertu kien jgħaddi u dwar dan, ressaq xhieda apparti dik tiegħu li din il-Qorti tqies kredibbli.*

*B'dan allura li għalkemm l-element tal-pussess tal-attur ma jistax jiġi negat minn din il-Qorti, stante li bħal konvenut u terzi l-attur wkoll seta' kellu jew għandu pussess fuqu, din il-Qorti ser tgħaddi sabiex teżamina l-elementi l-oħra rekwiżiti f'kawża ta' spoll u tagħmel il-kostatazzjonijiet tagħha dwarhom fid-dawl ta' dak hawn fuq diġà kkunsidrat.*

*Rigward it-tieni element, il-kwistjoni tal-att spoljattiv nniffsu – spoliatum fuisse – ossia, li l-ispoljant għamel azzjoni kontra r-rieda tal-pussessur li eskludiet lill-pussessur mill-pussess, jingħad kif isegwi:*

> *«Dwar it-tieni element, huwa meħtieġ li jintwera li l-għamil spoljattiv ikun wieħed arbitrarju u magħmul kontra r-rieda tal-possessur b'mod li jista' jagħti lok għal azzjoni ta' danni kontra min ikun wettqu. Huwa wkoll maħsub li l-għamil irid ikun wieħed vjolenti jew imqar mistur għall-għarfien tal-persuna li kellha l-pussess.»*

*Mill-assjem tal-provi jirriżulta ċar li l-partijiet kontendenti u terzi lkoll seta' kellhom u jista' għandhom pussess fuq il-passaġġ in mertu.*

*B'dan li filwaqt li l-attur jgħid li l-konvenut kkommetta spoll billi wessa' l-istess, il-konvenut jgħid li ma kkometta ebda spoll għaliex il-passaġġ dejjem kien ta' wiesa' karrozzabbli u se mai kien l-attur li poġġa ġebel fuqu li eventwalment bena f'ħajt sabiex spolja lilu mid-dritt ta' passaġġ tiegħu tant li ntavola l-kawża ta' spoll numru 78/2021 BS fl-ismijiet inversi.*

*Kif diġà osservat, mill-assjem tal-provi din il-Qorti hija konvinta li l-*

*passaġġ in mertu dejjem kien miftuħ għall-konvenut.*

*Li tali passaġġ kien u baqa' miftuħ sa' Awwissu, 2021 huwa kkonfermat mix-xhieda ndipendenti ta' William Zammit u Josef Said kif diġà ntqal.*

*Dawn iż-żewġ xhieda wkoll jgħidu li huma aċċeddew mill-passaġġ inkwistjoni b'vetturi varji b'Zammit imur oltre billi jgħid li tali passaġġ ingħalaq biss f'Awwissu, 2021.*

*Din il-Qorti ma ssib l-ebda raġuni sabiex tqis it-testimonjanza ta' dawn iż-żewġ xhieda bħala mhux kredibbli.*

*Dan kollu meqjus, jirriżulta ċar u inkonfutabbli għal din il-Qorti li l-passaġġ kien u baqa' miftuh sa Awwissu, 2021 meta l-konvenut beda xogħol ta' kostruzzjoni ta' kamra fir-raba' tiegħu għal-liema xogħol talab is-servizz tal-kumpanija Said Construction Limited.*

*Hawnhekk, jirriżulta li Josef Said, kuntrattur mal-istess kumpanija, aċċeda mill-passaġġ in mertu komodament mal-konvenut u bil-vettura tal-għamla Jeep tal-istess konvenut qabel nbeda l-istess xogħol.*

*Ġara mbagħad li meta aċċedew l-inġenji tal-kumpanija Said Construction Limited sabiex jinbeda x-xogħol intrapriż mill-konvenut, l-attur kien pront intavola mandat ta' inibizzjoni u wara l-istess, din il-kawża odjerna jallega spoll billi jgħid li tkisser ħajt u ġie spostjat xi ġebel u ħamrija.*

*Mill-osservazzjonijiet diġà magħmula minn din il-Qorti, ma jirriżultax li l-passaġġ in mertu kien xi darba mbarrat b'xi ġebel jew ħajt kif jallega l-attur.*

*Oltre dan, il-konvenut jixhed li x-xogħol inbeda fl-14 ta' Awwissu, 2021. Iżid li wara dan, u fis-17 ta' Awwissu, 2021, huwa daħal fir-raba' tiegħu bl-istess vettura Jeep tiegħu komodament mill-passagg in mertu. Jgħid li meta mbagħad ġie sabiex joħroġ sab l-istess passaġġ imbarrat b'borġ ġebel li kellu jressaq sabiex ħareġ minn fejn kien allura ingħalaq. Iżid li aktar tard l-istess borġ ġebel inbena f'ħajt u dan mill-attur.*

*L-attur ma jinnegax li huwa rbola borġ ġebel li aktar tard bena f'ħajt. Dan jikkonfermah ukoll ibnu Samuel Mizzi. Jgħid iżda li mhux minnu li dan sar fis-17 ta' Awwissu u jinsisti li sar fis-16 ta' Awwissu b'dan li jgħid li l-konvenut, sabiex jiżvija lill-pulizija ma' min kien għamel rapport u jibni din il-kawża odjerna ra li fis-16 ta' Awwissu kien inbena dan il-ħajt u għalhekk, fis-17 ta' Awwissu daħal minn passaġġ ieħor li għandu għar-raba' tiegħu b'dan li mbagħad mar għad bil-vettura tiegħu wara dan il-ħajt jirreklama li huwa magħluq milli joħroġ minn fejn kien.*

*Kif diġà ntqal, għalkemm l-attur u ibnu f'diversi stadji tax-xhieda tagħhom jallegaw li l-konvenut kellu mgħodija oħra minn fejn jaċċedi għar-raba' tiegħu, dan ma' ġie bl-ebda mod pruvat quddiem din il-Qorti.*

*Anqas ix-xhud Mercieca mressaq mill-attur ma' jgħid dan. Mercieca jgħid biss li kien huwa li kellu passaġġ ieħor li iżda kien dejjaq u mhux komdu.*

*L-attur allura jgħid li meta l-konvenut aċċeda mal-ħaddiema li ngaġġa sabiex jibnulu l-kamra fir-raba' tiegħu, kisser il-ħajt li kien jagħlaq l-passaġġ u ħitan tas-sejjieħ oħra u kisser ukoll dura, u siġra tat-tin u kaxkar xi ħamrija miegħu. Iżid għalhekk li kull m'għamel hu kien li bena l-istess ħajt li kien kisser il-konvenut sabiex aċċeda bl-inġenji tal-bini.*

*Mitlub jippreżenta dettalji dwar meta ttieħdu r-ritratti esibiti minn missieru l-attur, iben l-attur, li jixhed li l-istess ritratti kien ħadhom hu u juru l-ħsara kollha reklamata, naqas milli jagħmel dan.*

*Il-Qorti tosserva li ġaladarba huwa kkonfermat li diversi persuni kienu jgħaddu b'vetturi varji mill-passaġġ in mertu, u li x-xhud Josef Said stess kien għadda minnu flimkien mal-konvenut fil-vettura tal-konvenut stess tal-għamla Jepp qabel inbdew ix-xogħlijiet intrapriżi mill-konvenut; huwa inverosimili li l-ħsara li jirreklama l-attur saret mill-konvenut jew ħaddiema ngaġġjati minnu.*

*Tenut ukoll kont tal-fatt li ma tressqu ebda provi a sodisfazjzon ta' din il-Qorti li juru li seta' tassew kien ħemm xi ħajt tas-sejjieħ jagħlaq il-passaġġ in mertu, in toto jew in parte.*

*Rigward it-tina li l-attur jgħid li tqaċċtet, għalkemm din l-anqas tissemma fit-talbiet tiegħu, l-attur anqas ressaq provi ta' x'ġara eżatt mit-tina u għalkemm kemm ibnu kif ukoll il-perit ex parte tiegħu jixhdu li fir-ritratti eżebiti minnhom jidhru għeruq mikxufa tal-istess tina, din il-Qorti ma tistax tikkonferma dan indipendentement u, partikolarment, anqas tista tikkonferma meta ttieħdu l-istess ritratti stante n-nuqqas ta' provi msemmija dwarhom.*

*B'dan li allura din il-Qorti hija konvinta li fil-passaġġ, il-konvenut, inkluż flimkien mal-ħaddiema ingaggjati minnu, ma kkommetta ebda att spoljattivi kif lanjat mill-attur iżda għaddha minn fejn jirriżulta, anke minn xhieda indipendenti, li kien għaddha qabel b'vetturi mekkaniċi.*

*Huwa għalhekk li ma' jirriżulta ebda att spoljattiv attribwibbli lill-konvenut b'dan li allura, jfalli dan l-element kostituttiv essenzjali sabiex tirnexxi kawża ta' spoll.*

*Tenut kont li l-elementi kostituttivi ta' kawża ta' spoll huma kumulattivi, u jridu għalhekk jissussistu lkoll flimkien sabiex l-istess tirnexxi, mhuwiex neċessarju għal din il-Qorti li tikkunsidra t-tielet element, ossia, dak tal-infra bimester deduxisse.»*

7. L-attur appella minn din is-sentenza b'rikors tas-27 ta' Novembru,

2023, bl-aggravji jkunu: (i) li l-Ewwel Qorti għamlet konsiderazzjonijiet li ma kinux relevanti għall-mertu tal-kawża inkwistjoni: (ii) li l-Ewwel Qorti għamlet konsiderazzjonijiet żbaljati dwar kif l-attur kellu l-pussess; (iii) li seħħ att spoljattiv; u (iv) li għalkemm l-Ewwel Qorti ma kkunsidratx ir-rekwiżit tal-*infra bimestre deduxisse* dan xorta waħda kien sodisfatt.

8. Il-konvenut wieġeb għal dan l-appell fil-11 ta' Marzu, 2024, u hemmhekk huwa ressaq għadd ta' raġunijiet għalfejn dan l-appell għandu jiġi miċħud. Talab ukoll li din il-Qorti tapplika s-**subinċiż 4 tal-Artikolu 223 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** u li l-appellant jiġi kkundannat iħallas id-*doppie spese,* u dan għaliex l-appell hu frivolu u vessatorju u msejjes fuq qerq.

9. Wara li rat l-atti kollha tal-kawża, din il-Qorti tqis li m'hemmx il-ħtieġa li tqiegħed dan l-appell għas-smigħ u b'hekk sejra tgħaddi minnufih għas-sentenza b'riħet l-**Artikolu 152(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

**Konsiderazzjonijiet:**

10. Qabel tgħaddi biex tindirizza l-aggravji din il-Qorti tinnota li din il-kawża qiegħda timxi mas-smigħ tar-rikors ġuramentat 78/2021 fl-ismijiet ***Nicholas Galea v. Emanuel Mizzi***, deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati

(Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri) (Sezzjoni Ġenerali) nhar is-27 ta' Ottubru 2023, liema kawża ġiet ukoll appellata. Din il-Qorti rat li l-provi mressqa f'dik il-kawża jgħoddu wkoll għal din il-kawża, u viċiversa. Li mal-atti ta' dik il-kawża, wara talba tal-attur tal-31 ta' Diċembru, 2021, l-Ewwel Qorti b'digriet tal-25 ta' Jannar, 2022 ordnat li jiġi allegat il-proċess tal-mandat ta' inibizzjoni bin-numru 31/2021 fl-ismijiet ***Emanuel Mizzi v. Nicholas Galea***, permezz ta' liema Emanuel Mizzi kien talab li Nicholas Galea jieqaf milli jiftaħ jew iwessa' passaġġi billi jwaqqa' ħitan jew ineħħi jew iwitti ħamrija agrikola. Dan il-mandat ġie miċħud permezz ta' digriet kamerali tad-9 ta Settembru 2021.

11. Din il-Qorti rat li fis-seduta tas-16 ta' Marzu 2022 (ara paġna 21) il-partijiet qablu li l-provi miġbura fl-atti tar-rikors ġuramentat 78/2021 jiġu inseriti f'din il-kawża. Dan ġie kkonfermat ukoll fis-seduta tal-1 ta' Lulju 2022 (ara paġna 210 fl-atti tar-rikors ġuramentat 78/2021) u f'Diċembru 2022 (ara paġna 142).

12. Din il-Qorti rat ukoll li hemm żewġ kwistjonijiet pendenti li jirrigwardaw passaġġ (dak imsejjaħ karrozzabbli) li jgħaddi mir-raba' tal-konvenut Emanuel Mizzi. Fuq naħa minnhom l-attur Emanuel Mizzi jsostni li fl-14 ta' Awwissu, 2021, l-attur inqabad iwettaq xogħlijiet fuq dan il-passaġġ bil-għan li jgħaddu inġenji tax-xogħol u trakkijiet biex isir xogħol fuq ir-raba' tal-konvenut u li wessa' passaġġ bil-għan li jkunu

jistgħu jgħaddu dawn l-inġenji, u li fil-proċess saret ħsara u tnaqqsu ġebel u ħamrija tant li twettaq spoll fuq ħwejjeġ l-attur. Fuq in-naħa 'l oħra l-konvenut Nicholas Galea jsostni li dan kollu *messa in scena* għaliex hu ilhu juża dan il-passaġġ għall-snin sħaħ u li dejjem għadda minnu bil-karozza, iżda li fis-17 ta' Awwissu, 2021, sab il-passaġġ ostakolat b'ħajt u ġebel li poġġihom l-attur. Il-mertu meqjus f'din il-kawża jirrelata biss mal-ispoll li l-attur Emanuel Mizzi jgħid li sofra. Il-mertu mqajjem mill-konvenut appellat Nicholas Galea hu indirizzat fl-atti tar-rikors ġuramentat 78/2021.

13. L-appellant permezz tal-**<u>ewwel aggravju</u>** jilmenta li l-Ewwel Qorti kkunsidrat b'mod kopjuż mertu li mhux relatat mal-kawża odjerna iżda mar-rikors ġuramentat 78/2021. Jgħid li din il-kawża hi relatata biss ma' spoll unikament marbut ma' xogħlijiet magħmula mill-konvenut, liema xogħlijiet kienu jinvolvu t-tneħħija u t-twittija ta' ħamrija agrikola u t-tneħħija u l-ġarr ta' parti minn ħitan tas-sejjieħ mill-proprjetà tal-appellant u mingħajr il-kunsens tiegħu. Jisħaq ukoll li l-Ewwel Qorti ma kkunsidratx sew il-mertu tal-kawża tal-lum, li hi relatata mal-akkadut ta' dakinhar tal-14 ta' Awwissu, 2021.

14. L-appellat jirrispondi li mhux ser iressaq tweġiba għall-ewwel aggravju għaliex hu superfluwu.

15. Din il-Qorti tqis li l-appellant ressaq aggravji oħra fir-rigward tat-tliet rekwiżiti tal-ispoll f'dan l-appell. Konsegwentement din il-Qorti ser tkun qed tqis il-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Ewwel Qorti fil-kuntest tal-aggravji l-oħra u b'hekk mhux ser tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' dan l-aggravju.

16. Permezz tat-**<u>tieni aggravju</u>** l-appellant jilmenta li l-Ewwel Qorti għamlet konsiderazzjonijiet żbaljati. Li din il-kawża hi relatata mat-tneħħija u mat-twittija ta' ħamrija agrikola u mat-tneħħija u ġarr ta' parti minn ħitan tas-sejjieħ mill-proprjetà tal-appellant u mingħajr il-kunsens tiegħu, u dan kif diġà ngħad fl-ewwel aggravju. Jgħid li l-konsiderazzjonijiet fuq paġna 30 huma relatati mar-rikors ġuramentat 78/2021.

17. L-appellant isostni li l-prova tal-pussess li kellha ssir kienet relatata mal-akkadut tal-14 ta' Awwissu, 2021, tant li wara dan l-akkadut l-appellant ressaq mandat ta' inibizzjoni. Fuq livell ta' provi l-appellant jagħmel referenza lejn l-affidavit tiegħu fejn fih iddikjara li l-proprjetà fejn sar l-intervent hi proprjetà tiegħu u dan kif anke xehed ukoll George Mercieca. Itenni li din ix-xhieda ma ġietx kontradetta mill-konvenut.

18. L-attur appellant jisħaq ukoll li r-raba' li ġiet minsusa mill-konvenut hi proprjetà tiegħu u li kienet magħmula minn ħamrija li kienet qed tiġi

milqugħa mill-ħajt. Jagħmel referenza għar-ritratti meħudin *a tempo vergine* li juru l-akkadut. Jargumenta b'hekk li ġie ppruvat l-element tal-pussess.

19. Mill-banda l-oħra l-appellat jisħaq, kemm bi tweġiba għal dan l-aggravju u għat-tielet aggravju, li l-attur mhux korrett li l-kawża tal-lum ma tirrelatax mal-eżistenza *o meno* tal-passaġġ iżda li hi relatat max-xogħlijiet li saru. Irrispettivament jekk il-passaġġ huwiex proprjetà tal-attur, il-konvenut appellat jgħid li fl-azzjoni tal-lum l-azzjoni possessorja privileġġata tipprexxindi mit-titolu tal-proprjetà. Iżid li l-passaġġ li għadda minnu l-konvenut hu wieħed karrozzabbli b'daħla wiesgħa u ma kienx hemm bżonn li jsiru xogħlijiet. Dan joħroġ mix-xhieda ta' William Zammit, ta' George Mercieca u mir-ritratti mittieħda mill-arja. Ikompli li l-Ewwel Qorti għexet il-kawża b'mod sħiħ inkluż fil-mandat ta' inibizzjoni u kellha wkoll l-opportunità taċċedi fuq il-post u tara dan il-passaġġ, u tara li triq fir-raba' ma tieqafx iżda tibqa' testendi l-ġewwa u sservi ta' aċċess inkluż għall-bdiewa oħra. Jgħid li s-sekwenza tar-ritratti tittenta toħloq *messa in scena*. L-appellat jagħti sommarju tar-rapporti mressqa u x-xhieda tal-pulizija li daħlu l-istess rapporti. Itemm ir-risposta billi jgħid li ġie kkonfermat li l-passaġġ kien wiesgħa biżżejjed biex jgħaddu żewġ *tractors*.

20. Din il-Qorti tqis li għalkemm il-kwistjoni tal-pussess f'din il-kawża

hija kwistjoni distinta mill-kwistjoni tal-pussess fir-rikors ġuramentat 78/2021, b'danakollu kif rat l-Ewwel Qorti, il-materja hi intrinsikament konnessa. Dak li saħqet l-Ewwel Qorti kien li anke jekk l-atturi jisħqu li għandhom pussess fuq il-passaġġ fejn seħħew l-atti spoljattivi, il-konvenut ukoll kellu pussess fuq l-istess passaġġ li għadda minnu u li sab ostakolat (mertu tar-rikors ġuramentat 78/2021).

21. L-Ewwel Qorti kkonkludiet:

> *«B'dan allura li għalkemm l-element tal-pussess tal-attur ma jistax jiġi negat minn din il-Qorti, stante li bħal konvenut u terzi l-attru wkoll seta' kellu jew għandu pussess fuqu, din il-Qorti ser tgħaddi sabiex teżamina l-elementi l-oħra rekwiżiti f'kawża ta' spoll u tagħmel il-kostatazzjonijiet tagħha dwarhom fid-dawl ta' dak hawn fuq diġà kkunsidrat.»*

22. Tassew, din il-Qorti ma tarax li kien hemm kontestazzjoni li l-attur għandu pussess fuq il-passaġġ li fih jgħid li seħħu atti ta' spoll. Tqis li ħlief biex isiru konsiderazzjonijiet ġodda, dan l-aggravju ma għandux skop, u dan meta l-Ewwel Qorti stess saħqet li mhux tiċħad li l-passaġġ hu fil-pussess tal-attur ukoll. Forsi li għamlet l-Ewwel Qorti kien li biex waslet biex tikkonkludi li l-attur għandu pussess fuq l-art, hija iffukat aktar fuq il-pussess li kellu l-attur – iżda dan x'aktarx ġara għaliex il-provi li tressqu fil-kawża tal-lum u fir-rikors ġuramentat 78/2021 għafsu aktar fuq il-pussess tal-konvenut Nicholas Galea milli fuq il-pussess ta' Emanuel Mizzi, li ma jidhirx li ġie kkontestat. Iżda fl-aħħar mill-aħħar, l-Ewwel Qorti xorta kkonfermat li l-attur għandu l-pussess u din il-Qorti ma tarax li hemm raġuni toqgħod tfassal konsiderazzjonijiet oħra. Konsegwentement dan l-

aggravju qed jiġi miċħud.

23. Permezz tat-**tielet aggravju** l-appellant jilmenta dwar l-att spoljattiv u dan fejn l-Ewwel Qorti kkonkludiet illi:

> *«B'dan li allura din il-Qorti hija konvinta li fil-passaġġ, il-konvenut, inkluż flimkien mal-ħaddiema ingaġġati minnu, ma kkommetta ebda att spoljattivi kif lanjat mill-attur iżda għaddha minn fejn jirriżulta, anke minn xhieda indipendenti, li kien għaddha qabel b'vetturi mekkaniċi.*
>
> *Huwa għalhekk li ma jirriżulta ebda att spoljattiv attribwibbli lill-konvenut b'dan li allura, jfalli dan l-element kostituttiv essenzjali sabiex tirnexxi kawża ta' spoll.»*

24. L-attur appellant jilmenta li l-Ewwel Qorti għamlet konsiderazzjonijiet żbaljati. Jisħaq li kienet żbaljata meta qalet li la sabet li kien hemm passaġġ diġà f'postu, mela allura ma kienx hemm spoll. Itenni li l-kawża tirrelata max-xogħlijiet magħmula mill-konvenut fi ħwejġu, li jinkludu t-tneħħija ta' ħamrija u t-twittija ta' ħamrija agrikola u t-tneħħija u l-ġarr ta' parti minn ħitan tas-sejjieħ kollu fil-proprjetà tal-esponenti. Jgħid li hu sab lill-konvenut jagħmel dawn ix-xogħlijiet, fatt li hu fundamentali biex jiġi ppruvat li seħħ att spoljattiv. Jagħmel referenza għar-ritratti mressqa li juru l-inġenji u l-istat tar-raba', mittieħda dakinhar tal-akkadut. Li barra minn hekk l-Ewwel Qorti kellha ċ-ċans li personalment tikkonstata dak li kien hemm fuq il-fond u dan billi seħħ aċċess fil-mori tal-mandat ta' inibizzjoni 30/2021/1 quddiem l-Ewwel Qorti stess. Iżid li fl-aċċess l-Ewwel Qorti rat it-tneħħija tal-ħamrija u li l-ġebel tas-sejjieħ ġie xkanat 'il barra. Madankollu l-Ewwel Qorti xorta waħda

skartat dan kollu. Jaċċena fuq ir-rapport tal-Perit Cornelia Tabone, minbarra l-provi kollha mressqa.

25. Din il-Qorti rat li l-attur appellant, Emanuel Mizzi, ressaq din l-azzjoni għaliex jisħaq li l-konvenut daħal f'parti tar-raba' tiegħu, waqqagħlu ħitan tas-sejjieħ u ġarr ġebel tas-sejjieħ minn fuq art tiegħu u li l-konvenut witta u neħħa ħamrija agrikola, kollu bil-għan li jiftaħ jew iwessa' passaġġi.

26. Ġew imressqa diversi rapporti mal-pulizija: (i) fis-16 ta' Awwissu 2021 minn Emanuel Mizzi rigward l-akkadut li seħħ fl-14 ta' Awwissu 2021; (ii) fis-17 ta' Awwissu 2021 minn Nicholas Galea rigward l-akkadut mertu tal-kawża 78/2021; u (iii) fil-21 ta' Awwissu 2021 minn Emanuel Mizzi li talab li jiġi aġġornat ir-rapport tas-16 ta' Awwissu 2021.

27. Din il-Qorti rat li:

i. Permezz ta' affidavit (ara **Dok EM1** f'paġna 42 sa 44), l-attur appellant jisħaq li fl-14 ta' Awwissu 2021, għall-ħabta tal-10 ta' filgħodu, hu mar fuq ir-raba' tiegħu, fl-inħawi tal-Fanal limiti tal-Għasri, Għawdex, qrib fejn jgħidulu tal-Gallina, flimkien ma' ibnu Samuel Mizzi. Jgħid li kif wasal ra lill-attur u l-inġenji ta' Said Construction Ltd. jaħdmu f'parti mir-raba' tiegħu. Hu jgħid li nduna li kien hemm ammont tajjeb

ta' ħamrija nieqsa u ġebel tas-sejjieħ nieqes, u dan jgħid biex tiġi fformata rampa mir-raba' tiegħu għal ġor-raba' tal-konvenut. Jgħid li ttieħed ġebel kbir li kien jifred raba' ieħor tiegħu, fejn hemm diżlivell sostanzjali, liema ġebel kien jisporġi u jibqa' tiela' sa fejn it-tina li nqalgħet. Jgħid li sab siġra tat-tin nofsha maqlugħa fuq ġenb biswit id-dura tiegħu u pal tal-bajtar imqaċċat u mgħaffeġ fuq in-naħa l-oħra, liema xogħol sar ftit qabel ma wasal hu. Kien hemm ukoll ġebel kbir mad-dura, li jgħid li tneħħa u ttieħed fuq struzzjonijiet tal-konvenut qua appellat;

ii. Jisħaq li l-konvenut wieġbu li kien qed jagħmel għaġeb għall-erba' banjijiet u ċjoè banjijiet tal-gaffa li fihom ġarr ħamrija u ħajt tas-sejjieħ. Jgħid li informa lill-konvenut li kien ser iħarrku, u li l-konvenut qallu jħarrek lilu mhux lill-kuntrattur Said Constructions Ltd. Minbarra dan, jgħid li kif ra b'għajnejh u wieġbu Nicholas Galea, hu fehem li kien ġarrlu l-ħamrija u l-ġebel tas-sejjieħ għar-raba' tiegħu;

iii. Il-konvenut għamel rapport mal-pulizija nhar is-16 ta' Awwissu 2021 rigward dan għall-ħabta tad-21:30 ta' filgħaxija (ara **Dok A** f'paġni 13 sa 15 fl-atti tar-rikors ġuramentat 78/2021). Dan ir-rapport ġie aġġornat fil-21 ta' Awwissu 2021 meta l-konvenut mar l-għassa u rrapporta li:

> «....*sab il-kumplament ta' dak il-vieg ġebel tas-sejjieħ li kien issemma iktar kmieni f'dan ir-rapport ta' nhar 18/08/2021 ġie mċaqlaq 'il barra minn fuq l-art tal-istess Mizzi u b'hekk il-passaġġ twessa' biex ikunu jistgħu jgħaddu inġenji kbar*.»

iv. Li fis-16 ta' Awwissu 2021 ħa materjal tal-ħajt tas-sejjieħ biex jirranġa ħwejġu u poġġa xi ġebel fil-passaġġ minn fejn fis-17 ta' Awwissu 2021 l-attur jisħaq li prova jgħaddi minnu fit-tard u sabu mblukkat. Dakinhar tas-16 ta' Awwissu 2021 il-konvenut intavola wkoll mandat ta' inibizzjoni;

v. Fis-17 ta' Awwissu, 2021, wara li l-attur mar jagħmel rapport mal-pulizija, il-pulizija kellmu lill-konvenut Emanuel Mizzi, fejn dan ammetta li kien tefa' ġebel iżda li dan il-ġebel kien tefgħu fl-għalqa tiegħu stess sabiex jirranġa ħajt u li kien ħalla wiesa' biex jgħaddi persuna bir-riġel u li ma kienx lest ineħħih biex tgħaddi vettura. Fl-affidavit tiegħu jixhed li l-attur qatt ma kien jgħaddi mill-passaġġ inkwistjoni u dan għaliex kellu rotta oħra mil-liema kien jgħaddi;

vi. Jixhed li l-ilmenti tal-konvenut fir-rigward tal-passaġġ, trattati fil-kawża 78/2021 huma kollha *messa in scena* u dan għaliex l-attur seta' jgħaddi minn mogħdija oħra, magħrufa bħal tat-Tafal;

vii. Il-konvenut ippreżenta numru ta' ritratti mal-affidavit tiegħu (ara **Dok 1 sa Dok 14** minn paġna 45 sa 58);

viii. Fil-kontroeżami xehed (paġni 92 sa 109), li fl-14 ta' Awwissu 2021 mar fuq ir-raba' tiegħu kif kien sikwit jagħmel. Li wasal għall-ħabta tal-10 ta' filgħodu u ra lill-konvenut ilesti x-xogħlijiet u wara daħlu 'l ġewwa, sakemm ħarġu aktar tard, tal-anqas siegħa wara. Jixhed li mir-ritratti l-passaġġ ma jidhirx minsus bil-makkinarju iżda li l-ħajt kien jesporġi minn xejn għall-metru wiesa' u liema ħajt qiegħed biex iżomm il-ħamrija, u li din il-ħamrija ġiet xkanata bil-makkinarju u għamlu wita' u għamlu rampa. Jinsisti li meta sar l-aċċess, fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni 30/2021, kien jidher li daħlu inġenji. Li bil-gaffa ma ssirx wiesa' iżda gaffa tqaxxar biss fejn hemm bżonn u li l-konvenut mess il-bajtar tax-xewk fuq il-proprjetà tiegħu. Li xkanaw il-ġebel , kissru d-dura, qalgħu t-tina u għeruq, u t-tina mietet nofsha. Jgħid li dan jidher f'ritratt numru 5 anness mal-affidavit tiegħu. Jiċċara li qalgħu l-għeruq. Ma riedx jikkonferma jekk ħax ġebel minn tiegħu biex jagħmel il-ħajt f'nofs il-passaġġ;

ix. Din il-Qorti rat kontroeżami ieħor tal-attur Emanuel Mizzi (paġni 157 sa 178) li qal li ma kienx qed jitħaddet fuq ir-rampa għaliex dik dejjem hemm kienet, iżda li l-konvenut ifforma rampa oħra u li kienu jgħaddu bdiewa oħra bil-permess tiegħu u ġieli anke bil-karozza. Jgħid li f'Santa Marija mar fir-raba' tiegħu u sab sfreġju bil-ħamrija imneħħija, u sab ħajt imneħħi u rampa ġdida. Jgħid li ftit jiem wara l-konvenut reġa'

messlu ħwejġu. Jixhed li l-konvenut ħadlu ġebel kbir madankollu l-unika ħaġa li ra lill-konvenut jieħu kien banju ta' gaffa ħamrija;

x. Permezz ta' affidavit iben il-konvenut, Samuel Mizzi (ara **Dok SM1** f'paġna 59) ikkonferma x-xhieda ta' missieru li kien sab il-kuntrattur Said Construction Ltd. jagħmel xogħol bil-gaffa u bil-*crane* ġo ħwejjeġ missieru. Jikkonferma li naqas ħafna ġebel tas-sejjieħ u ħamrija u ġebel kbir li kien mad-dawra tal-ħajt, li tifred għalqa minn oħra għall-taħt, u ra ħsara lis-siġar tat-tin u pal tal-bajtar. Fil-kontroeżami (paġni 288 sa 307 fl-atti tar-rikors ġuramentat 78/2021) xehed li r-ritratti li ħa dakinhar tal-14 ta' Awwissu 2021, meta kien hemm ta' Said Construction Limited, ħadhom mill-*mobile* tiegħu. Li ra lill-konvenut u ta' Said Construction Ltd jagħmlu xogħol bil-gaffa u bil-*crane* fi ħwejjeġ missieru iżda li ma ħax ritratt ta' dan għax kif wasal hu ma missieru, il-ħaddiema ta' Said Construction Ltd daħlu jiġru l-ġewwa. Li dawn ġarrew ħamrija u ġebel. Li rahom sejrin bl-aħħar banju 'l ġewwa. Li hu u missieru għamlu munzell u li l-konvenut daħal u mess il-munzell u li minn żewġ munzelli ġew munzell wieħed u jassumu li kien il-konvenut li għamel dan. Li dan il-munzell kien f'passaġġ proprjetà tagħhom. Li kienu jgħaddu nies bl-inġenji iżda minn fuq tarf il-ħajt mhux minn fuq ir-rampa għaliex kienu inġenji żgħar u *tractors* żgħar ma jgħaddux. Li t-tina ma rahomx jaqlgħuha. Li kaxkru ġebel kbir minn madwar id-dura u li biċċa minnu waqqgħuh għall-fuq il-pal tal-bajtar;

xi. Permezz ta' affidavit ċertu George Mercieca (ara **Dok GM1** f'paġna 71) xehed li jaħdem, flimkien ma familtu, diversi porzjoni ta' raba' fl-inħawi tal-Fanal limiti tal-Għasri, magħrufin bħala Tal-Hamri *sive* Ta Sfunarrija. Jisħaq li fis-sajf kien jgħaddi minn fuq biċċa raba' tal-konvenut bil-permess tiegħu u li qatt ma kien hemm passaġġ jew mogħdija għall-inġenji.Li kienu jgħaddu bil-barka tal-attur appellant u jgħid li l-marki tat-*tractor* li jidhru mill-ajru kienu tiegħu stess u li l-attur kien jagħlaq il-ħajt bil-ġebel wara li jgħaddu. Li fis-sajf tal-2021 induna li xi ħadd kien għamel xogħlijiet minn fejn kien jgħaddi u li nqalgħu ħitan tas-sejjieħ u tkisser xi pal tal-bajtar tax-xewk, u ġiet ukoll imneħħija ħamrija minn fejn kien jgħaddi minn fuq l-attur. Li l-attur ma ridhomx jgħaddu aktar mill-għalqa tiegħu. Fil- kontroeżami xehed (paġni 206 sa 209 fl-atti tar-rikors ġuramentat 78/2021) li kien jgħaddi mill-passaġġ inkwistjoni u li ma kienx hemm ħajt jimblokka l-passaġġ;

xii. Tressaq rapport *ex parte* tal-Perit Cornelia Tabone datat l-1 ta' Ġunju 2022 (ara **Dok CT 1** f'paġni 60 sa 70) fejn ikkonstatat li r-raba' tal-konvenut ġie mittiefes b'inġenji u makkinarju tal-kostruzzjoni. Li dan jidher ċar mill-ispostament tal-pal tal-bajtar fuq ġenb minnhom, għeruq tat-tin mikxuf u diżlivell immedjat fil-wiċċ tal-ħamrija li mhux normali u ma jkomplix – liema tneħħija jew tqaxxir tal-ħamrija huwa minn xejn għall-fond ta' madwar 60 ċentimetru (żewġ piedi) tul il-medda kollha

meta wieħed jikkonsidra d-diżlivell eżistenti fuq il-post. Dan jidher li huwa xogħol bil-gaffa jew makkinarju simili. Tirraporta li l-attur appellant jattribbwixxi dan għal meta sab makkinjarju ta' kostruzzjoni nhar l-14 ta' Awwissu 2021. Irrapurtat li l-iskavar u t-tqaxxir tal-ħamrija għadu l-istess sal-lum. Li jidher ħajt tas-sejjieħ, fir-ritratti eżebiti, liema ħajt huwa kongruwu u jkompli mal-bqija tal-ħajt tas-sejjieħ antik li jiddividi l-għalqa minn oħra meta hemm diżlivell. Li din il-parti tar-raba' hi karatterizzata minn siġar kbar tat-tin u pal tal-bajtar li ħafna drabi joħonqu u jgħattu kompletament il-ħitan tas-sejjieħ tal-madwar. Jidher li hemm parti li ġiet skavata bil-gaffa u għalhekk kien diffiċli li tikkonstata x'kien hemm eżatt qabel ma ntmesset il-gaffa. Iżda b'dan, ma jistax jingħad li ma kien hemm xejn wara li sar ix-xogħol bil-gaffa u tgħid li tneħħiet l-evidenza li kien hemm fuq il-post. Tgħid li l-ħajt tas-sejjieħ li jifred għalqa minn oħra jidher li hu oriġinali  u juri diżlivell minn ħabel għall-ieħor u tista' tgħid li l-interventi li saru minn terzi bil-makkinarju żgur neħħew xi elementi oriġinali l-għaliex kieku ma jkunx hemm bżonn l-intervent tal-makkinarju biex tinħoloq ir-rampa. B'referenza lejn ir-ritratti mittieħda mill-ajru preżentati mill-Perit Shawn Micallef xehdet li l-passaġġ ma jidhirx ċar fir-ritratti kollha u dan għaliex hemm *overgrowth* ta' ħaxix iżda li fil-bqija tar-ritratti l-ħajt jidher. Li rat diżlivell bejn għalqa u oħra ta' żewġ piedi u li l-ħajt qed iżomm il-ħamrija ta' fuq ir-riħ.

28. Mil-lat ieħor il-Qorti rat li:

i. Il-konvenut jixhed (ara l-affidavit tal-attur minn paġna 84 sa paġna 88), li għandu għelieqi, madwar 25 tomna, fl-inħawi magħrufa bħala tax-Xemxi, tal-Fanal, Ta' Ġordan jew Tal-Gallina fuq l-għolja u kontrada magħrufa ta' Ġordan limiti tal-Għasri;

ii. Jixhed li fl-14 ta' Awwissu 2021 kien mar ma' ħu l-kuntrattur Peter Paul Said u ħaddiema tiegħu għal xi ħabta tal-10.30 ta' filgħodu u daħlu bi *crane* u *truck* li fuqu kien hemm gaffa żgħira (*mini excavator*) għall-għalqa tiegħu biex jaraw rigward xogħol li kellu jsir, biex iħaffer trinka għall-pedamenti tal-kamra. Jgħid li għadda mill-mogħdija mingħajr ma mess mal-ebda ġebel jew ħitan billi jgħid li kien hemm wiesgħa biżżejjed biex jgħaddu l-inġenji. Li dakinhar kien hemm l-attur b'kamera tar-ritratti u li kieku rah jieħu jew ineħħi ġebel, jew ineħħi trab kien jinsab ċert li l-attur kien jieħu r-ritratti. Jiċħad li neħħa ħitan jew trab għaliex kieku dan kien il-każ l-attur kien jibni l-ħitan tiegħu mill-ġebel li ħadlu u mhux ġab viegi tal-ġebel;

iii. Fil-kontroeżami l-attur xehed (ara paġni 147 sa 156) li mhux minnu li seraq ġebel u ħamrija;

iv. Permezz ta' affidavit, xehed ċertu William Zammit (ara paġni 23 u 24). Dan għandu r-raba' fuq l-Għolja tal-Ġordan u b'kollox jaħdem sitt itmiem. Qabel kellu aktar raba' li llum tinħadem minn terzi u qiegħda 'l ġewwa mill-passaġġ inkwistjoni. Jixhed li kien jgħaddi minn fuq l-għalqa ta' Emanuel Mizzi iżda peress li sab l-aċċess magħluq hu kien jgħaddi mill-passaġġ mertu tal-kawża; jgħid li kien ilu jagħmel dan ċirka sentejn jew tliet snin. Jgħid li sab il-passaġġ inkwistjoni magħluq f'Awwissu tas-sena 2021 iżda ma jafx min ostakolah u li sabu li jista' jgħaddi biss bniedem bir-riġel. Hu mar fil-passaġġ wara li ltaqa' mal-attur u informah bil-kwistjoni. Jgħid li ftit ġimgħat qabel ma sabu magħluq, terzi persuni li ħasdulu l-wiċċ tal-għalqa kienu għaddew bil-magna tal-ħsad mill-passaġġ inkwistjoni. Hu ppreżenta żewġ ritratti li juru l-passaġġ imblukkat (ara Dok WZ1 u WZ2 paġni 25 u 26). Fil-kontroeżami (paġni 128 sa 141) xehed li fl-inħawi tal-passaġġ kien imur sa minn meta kien żgħir u li kien jgħaddi mill-passaġġ għaliex qatt ma kien ostakolat b'xi ħajt. Li kien jgħaddi minn fuq ir-raba' tal-konvenut u ħlief meta kien ikun maħdum u jekk ried jgħaddi bl-inġenji kien jgħaddi minn fuq il-passaġġ inkwistjoni u li qatt ma ċaqlaq ġebel biex jgħaddi;

v. Permezz ta' affidavit, ċertu Josef Said xehed (ara paġni 116 u 117 fl-atti tar-rikors ġuramentat 78/2021) li kien mar f'għalqa tal-attur, wara li bagħtu ħuh Peter Paul Said. Jgħid li hu għadda mill-passaġġ inkwistjoni bl-inġenji u dan mingħajr ma mess xi ġebel fil-ġenb tal-

mogħdija. Jixhed li xi żmien wara kien iltaqa' mal-attur li qallu li kien inbena ħajt fil-passaġġ li kien għadda minnu. Fil-kontroeżami (paġni 179 sa 189 tar-rikors ġuramentat 78/2021) xehed li ma kienx hemm meta sar ix-xogħol fl-14 ta' Awwissu 2021 u li bagħat il-ħaddiema, iżda li ma jafx min huma l-ħaddiema. Kien mitlub jiċċekkja min kienu l-ħaddiema iżda ma kienx kapaċi jipprovdi l-ebda informazzjoni u b'hekk meta mistoqsi ma setax jikkonferma li ma ġew minsusa l-ebda mill-ħitan tal-konvenut (paġni 124 sa 127);

vi. Tressaq rapport *ex parte* tal-Perit Shawn Micallef (ara minn paġna 120 'il quddiem tar-rikors ġuramentat 78/2021) li kien jinkludi ritratti mittieħda mill-ajru tal-passaġġ tas-snin 2012, 2016 u 2018 u ritratti li ħa l-perit fl-2022. Fil-kontroeżami (paġni 170 sa 178 tar-rikors ġuramentat 78/2021) xehed li l-ħajt fil-passaġġ inkwistjoni kien jidher ġdid. B'referenza għar-ritratti mittieħda mill-ajru fl-2018, il-perit xehed li ma jidhirx il-ħajt magħmul bil-ġebel u li jidhru *tyres* tal-vetturi. Xehed li mar fuq il-post, ra r-ritratti mittieħda mill-ajru, ritratti oħra, u li l-ħajt ma kienx dejjem hemm u li jaf li r-raba' tal-attur qiegħda fl-aħħar tal-passaġġ.

29. Din il-Qorti rat li fir-rapport li ressaq l-attur appellat nhar is-16 ta' Awwissu 2021, jiġifieri jumejn wara l-akkadut tal-14 ta' Awwissu 2021, hu rrapporta li mar fuq ir-raba' tiegħu u li metri 'l bogħod mill-għalqa tiegħu

hu ra żewġ trakkijiet, EBJ u KB1907 u BobCat għaddejjin. Fl-għalqa tiegħu sab ġebel u ħamrija nieqsa u ħajt tas-sejjieħ imwaqqa'. Hu issuspetta li daħlulu fl-għalqa u ġarrewlu l-istess ħamrija u ġebel. Fir-rapport ma tax indikazzjoni tal-ammonti mittieħda u semma lill-konvenut bħala l-bniedem responsabbli. Ma tax raġuni l-għala ma rrappurtax dakinhar tal-14 ta' Awwissu, ħlief li wara li pprova jevita l-mistoqsija, wieġeb li ma ħassx li kellu jirrapporta dak il-ħin.

30. Din il-Qorti rat ukoll li tressqu diversi rappreżentanti tal-korp tal-pulizija, li xehdu dwar ir-rapporti mressqa mal-pulizija fuq l-inċidenti kollha li ġraw mill-14 ta' Awwissu, 2021, u li anke aċċedew fuq il-post. Tressqu wkoll xi ritratti. PS698 Shaun Tabone minbarra li ta rendikont tar-rapport ippreżentat fis-16 ta' Awwissu 2023, xehed li bejn il-partijiet jidher li kien hemm nuqqas ta' ftehim (paġni 71 sa 76 fl-atti tar-rikors ġuramentat 78/2021). PS1040 John Grima xehed li mar fuq il-passaġġ inkwistjoni dakinhar tat-18 ta' Awwissu 2021 bejn id-9 u l-10 ta' filgħaxija u ppreżenta ritratti b'munzelli tal-ġebel (ara paġni 61 sa 64 fl-atti tar-rikors ġuramentat 78/2021) u li l-konvenut ma setax jgħidlu kemm naqas ġebel u l-valur tal-istess u li ma setax jikkompara. Tinnota li x-xhud Samuel Mizzi kellu jippreżenta nota bil-*metadata* tar-ritratti biex jiġi indikat meta ttieħdu dawn ir-ritratti. Din in-nota ġiet ippreżentata man-nota ta' sottomissjonijiet tal-kawża 90/2021 u tinkludi ritratti tal-passaġġ u l-għalqa mittieħda fuq medda ta' jiem f'Awwissu tal-2021.

31. Din il-Qorti għarblet il-mertu ta' dak li l-attur isejjaħ att spoljattiv u rat dak ikkunsidrat mill-Ewwel Qorti. Li kif saħqet l-Ewwel Qorti wkoll it-talbiet tal-attur jirrelataw biss mal-ħitan tas-sejjieħ imwaqqa' u mal-ġarr tal-ġebel tas-sejjieħ iżda mhux mat-tina u mal-pala tal-bajtar tax-xewk. L-attur jitolbu li jerġgħu jinbnew il-ħitan.

32. Fir-rigward tal-ħitan tas-sejjieħ li l-attur talab li għandhom jiġu mibnija, hi l-fehma ta' din il-Qorti, u dan anke b'referenza għar-rikors ġuramentat 78/2021, li kif anke kkonkludiet l-Ewwel Qorti, ma tqisx li kien hemm ħajt li kien qed jostakola l-passaġġ inkwistjoni u b'hekk ma tqisx li għandu jiġi ordnat li jiġi mibni xi ħajt. Ma tqisx li hemm ħitan oħra x'tikkunsidra.

33. L-attur jitkellem li mill-għalqa tteħditlu ammont kbir ta' ħamrija. Fuq naħa minnhom hu jikkalkula erbat ibramel tal-gaffa, iżda fil-fatt jgħid li ra lil ta' Said Construction Limited ħiereġ darba biss. Il-Perit Cornelia Tabone rrappurtat illi l-wiċċ tal-ħamrija mhux normali u ma jkomplux – liema tneħħija jew tqaxxir tal-ħamrija huwa minn xejn għal fond ta' madwar 60 ċentimetru (żewġ piedi) tul il-medda kollha, meta wieħed jikkunsidra d-diżlivell eżistenti fuq il-post u li dan jidher li sar bil-gaffa jew makkinarju simili. Wara li daret l-atti din il-Qorti ssib li l-konvenut jinnega li ħa xi ħamrija u ġebel tas-sejjieħ.

34. Din il-Qorti tqis li ma tressqitx prova konkreta ta' kemm fil-verità naqset ħamrija u lanqas tal-ġebel tal-ħajt tas-sejjieħ, jekk kien il-każ li dan ġie mittieħed mill-konvenut. F'dan is-sens ma jistax ma jiġix osservat li għalkemm l-attur jgħid li dakinhar tal-14 ta' Awwissu, 2021 huwa stess flimkien ma' ibnu Samuel Mizzi, ra lill-kuntrattur inkarigat mill-konvenut ħiereġ b'gaffa mimlija ħamrija u minkejja li ibnu saħanistra ġibed għadd ta' ritratti, madankollu huwa ma ressaq l-ebda ritratt li juri l-gaffa bil-ħamrija. Mhijiex skuża li iben l-attur jgħid li ma ttieħdux ritratti tal-gaffa bil-ħamrija għaliex dak il-ħin inqabad bil-fixkla. Bħalma ħa ritratti oħra, huwa seta' jieħu wkoll ritratti tal-gaffa ġġorr din il-ħamrija, jekk il-gaffa verament kienet qiegħda ġġorr il-ħamrija. Fin-nuqqas ta' prova konvinċenti li l-konvenut ħadlu l-ħamrija, allura din il-Qorti bħal dik ta' qabilha ma tistax ssib lill-konvenut ħati ta' spoll. Terġa' u tgħid, meta l-attur ressaq ir-rapport mal-pulizija u anke mar ma' PC1040 John Grima fuq il-post, huwa ma indikax b'kemm suppost naqset il-ħamrija. Konsegwentement, anke li kieku din il-Qorti kellha tagħti xi ordni biex issir reintegrazzjoni din il-Qorti ma tistax tagħti ordnijiet fil-għama għaliex flok toħloq ċertezza bejn il-partijiet, toħloq stat ta' inċertezza.

35. Fir-rigward tal-wesgħa li l-attur jgħid li għamel il-konvenut, din il-Qorti ma temminx li dan kien il-każ u dan għaliex diversi xhieda, imressqa minn kull naħa, xehdu li kienu jgħaddu, anke b'makkinarju, mill-wesgħa.

Tqis ukoll li mir-ritratti biss din il-Qorti ma tistax tiddetermina kif kien l-istat tal-passaġġ qabel ma saret l-allegata azzjoni spoljattiva.

36. Meqjus dan kollhu, din il-Qorti ma ssibx raġuni li tiddisturba l-konklużjonijiet tal-Ewwel Qorti u konsegwentement dan l-aggravju mhux ser jiġi milqugħ.

37. Permezz tar-**<u>raba' aggravju</u>** jisħaq li l-element tal-*infra bimestre deduxisse* kien sodisfatt. Peress li l-aggravju relatat mal-azzjoni spoljattiva ġie miċħud ma tarax li hemm raġuni li tikkunsidra dan l-aggravju ulterjorment.

38. Fl-aħħar nett il-konvenut jitlob biex din il-Qorti tapplika s-**subinċiż 4 tal-Artikolu 223 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** ħalli l-attur appellant jiġi kkundannat iħallas spejjeż doppji, għaliex jgħid li l-appell tiegħu hu frivolu u vessatorju. Din il-Qorti iżda ma taqbilx għaliex ma jirriżultax li l-appell kien wieħed li kien jixraqlu tali sanzjoni.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda **<u>tiċħad</u>** l-appell tal-attur u **<u>tikkonferma</u>** s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati

(Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri) (Sezzjoni Ġenerali), bl-ispejjeż kollha jinġarru mill-attur.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm